FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR: DR JOSEPH REFALO LL.D. Adv.Trib.Eccl.Melit,

## Seduta ta' nhar il-Gimgha, 26 ta' Ottubru, 2001

**Numru 10**

**Avviz. numru 447/01JR**

**Felix Zahra**

**vs**

**Carmelo Gatt**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-3 ta' Lulju, 2001, fejn intalab il-hlas ta' mitejn hamsa u tmenin lira Maltija u ghoxrin centezmu (Lm285.20), rapprezentanti danni li sofra l-istess attur, meta l-konvenut waqt li kien qed isuq il-vettura bin-numru GAT-521 gewwa San Gwann fil-11 ta' Mejju, 2001, habat mal-vettura numru IMY-270 propjeta` ta' l-attur u kkaguna danni f'din l-istess vettura. Dan l-incident huwa ghalih unikament responsabbli l-konvenut stante li s-sewqan tieghu kien wiehed negligenti u traskurat;**

Bl-ispejjez, komprizi dawk ta' l-ittra ufficjali datata 18 ta' Gunju, 2001, kontra l-konvenut u ta' l-ittra ufficjali ohra pprezentata kontestwalment ma' dan l-avviz kontra l-assikurazzjoni tal-konvenut bl-imghax kontra l-istess konvenut ingunt ghas-subizzjoni.

Illi fis-26 ta' Lulju, 2001, deher il-konvenut li ddikjara li qed jikkontesta t-talba attrici, peress li fil-mument tal-habta kien parkeggjat.

Semgha x-xhieda ta' PC 628 Walter Sargent u ta' Josephine Zahra. Ha konjizzjoni tad-dokumenti esebiti u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ikkunsidra:

1. Din il-kawza tirrigwarda kollizzjoni li sehhet fil-11 ta' Mejju, 2001, f'Naxxar Road, San Gwann, bejn il-vann IMY-270 misjuq minn Josephine Zahra, u l-vettura GAT-521 tal-konvenut.

2. Il-konvenut qed jghid li fil-mument tal-kollizzjoni huwa kien pparkjat.

3. Mill-provi jirrizulta li Josephine Zahra kienet gejja mid-direzzjoni tal-Knisja f'Naxxar Road, San Gwann, u din riedet iddur ghall-go Triq San Gwann ta' GharGhar. Jirrizulta li hi kellha l-indicator mixghul, u waqt li qed iddur, u waslet biex tidhol fi Triq San Gwann ta' GharGhar saret il-kollizzjoni mal-konvenut.

4. Mill-isketch esebit jirrizulta li meta saret il-kollizzjoni l-konvenut kien sporgut il-barra, u angolat. Skond Josephine Zahra, l-konvenut qala' fsalt ghal go fiha. Il-konvenut ma gabx provi biex jirribatti dak li qed tallega Josephine Zahra. It-Tribunal fic-cirkostanzi ma jsib ebda raguni

l-ghala m'ghandux jaccetta li l-fatti svolgew ruhhom kif qed tghid l-istess Zahra. Ghalhekk tenut kont ta' dan kollu jirrizulta li l-konvenut kien jahti unikament ghall-kollizzjoni peress li waqt li qed jaqla ma kienx attent ghat-traffiku li kien qed idur ghall gos-"side street".

5. Bhala danni, jirrizulta li l-attur sofra l-ammont ta' mitejn hamsa u tmenin lira Maltija u ghoxrin centezmu (Lm285.20), u dana skond ir-ricevuti esebiti. Dawna jinkludu mija erbgha u ghoxrin lira Maltija u ghoxrin centezmu ghall-kiri ta' vann, u mija wiehed u sittin lira Maltija ghat-tiswija u "spray".

Ghaldaqstant peress illi ghall-incident in kwistjoni kien jahti unikament il-konvenut, it-Tribunal jilqa' it-talba attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur is-somma ta' mitejn hamsa u tmenin luira Maltija u ghoxrin centezmu (Lm285.20), bl-imghax legali li jibda jiddekorri mil-lum.

L-ispejjez ta' dina l-istanza, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali datata 18 ta' Gunju, 2001 u ta' l-ittra ufficjali prezentata kontestwalment mal-avviz, ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut.

Dr Joseph Refalo
GUDIKATUR